# KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ĦAMSA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju, 2002 fis-2.30pm .

Minħabba li l-Aġenda ħarġet b'item Numru 1 (Approvazzjoni tal-Minuti) nieqes il-Kunsill trasferixxa l-laqgħa għal l-għada l-Ġimgħa 7 ta' Ġunju, 2002 fid-9.00am biex tkun tista tinħareġ Aġenda korretta skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

<u>Il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju 2002</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Skużati : | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |

Minħabba n-nuqqas ta' quorum s-Sindku aġġorna l-laqgħa tal-Kunsill għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2002 fit-3.30pm.

Għaldaqstant il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali fi Triq San Ġużepp nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2002 fit-3.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Proġett - Yacht Marina.
4) Xiri ta' Equipment.
5) Rapport Finanzjarju.
6) Riżoluzzjonijiet.

## 5 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Skond ftehim li sar fil-laqgħa ta' qabel u minħabba l-urġenza tal-laqgħa s-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti, sar qbil li l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel għandhom jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss.

## 5(2) **Kommunikazzjoni** mis-Sindku.

*5.(2).1 Laqgħa mal-Kuntrattur South Waste Cleaning (Tindif) ( 23/05/2002)*

Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Joseph Casha, l-Viċl Sindku Walter Ahar u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u s-Sur Victor Borg l-kuntrattur inkarigat mit-tindif. Din il-laqgħa kienet dwar servizz ta' tindif aħjar kif ukoll il-ftuħ u ż-żamma tal-latrini tal-Ponta.

Il-Kunsill aċċetta l-proposta tal-kuntrattur biex għas-spejjeż tiegħu l-persuna li qed tieħu ħsieb il-Gardjola tieħu ħsieb ukoll it-tindif u s-sorveljanza tal-latrini tal-Ponta kf ukoll in-niżla ta' Bwejba Gate sal-Ponta ħdejn ir-Regatta Klabb.

Min-naħa l-oħra l-Kunsill qed jimpenja ruħu biex iżid bniedem ieħor biex jieħu ħsieb it-tindif u sorveljanza tal-latrini tax-Xatt kif ukoll għat-tindif tax-xatt speċjalment filgħaxija għat-tlett xhur tas-Sajf (Lulju - Settembru, 2002).

Dan ser isir jew permezz ta' l-ETC Community WorkScheme jew billi ssir flessibilita' fil-ħinijiet tax-xogħol ta' l-istreet cleaners preżenti.

*5.(2).2 Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki (24 / 05 / 2002)*

Għal din il-laqgħa li saret fl-24 u l-25 ta' Mejju 2002 fil-Jerma Corinthia Palace Hotel attendew is-Sindu Joseph Casha u l-Viċl Sindku Walter Ahar.

Fost l-oħrajn ġie diskuss l-operations review report. F'din il-laqgħa ma' ntlaħaqx ftehim dwar il-mozzjoni biex dan il-ftehim jiġi approvat billi dan ir-rapport kellu jiġi ċirkolat lill-Kunsillieri kollha qabel din l-approvazzjoni.

Skond il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali l-Onor. Austin Gatt dan l-operations review report ser jiġi mplimentat xorta waħda hekk kif ġie ppreżentat fil-laqgħa tas-Sindki.

*5(2).3 Jum Il-Kottonera ( 27 ta' Mejju 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda laqgħa li nżammet fil-Każin tal-Banda Queen's Own fejn kienu mistiedna wkoll rappreżentanti mill-Kottonera biex jiġi diskuss Jum il-Kottonera. L-attendenza kienet tajba ħafna.

Ser issir laqgħa oħra fil-Kunsill Lokali Birgu nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2002.

*5(2).4 Laqgħa nisa ġenituri (13/05/2002)*

Saret laqgħa għan-nisa ġenituri fis-Sala tal-Kunsill fejn attendew madwar 25 mara. Dawn ġew indirizzati mis-Sindku Joseph Casha u membri ta' l-Appoġġ dwar Parental Skills.

Fit-tieni laqgħa li nżammet fis-6 ta' Ġunju 2002 fil-5.30pm l-attendenza kienet fqira. Għaldaqstant sar qbil li ssir laqgħa oħra.

*5.(2).5 Lezzjonijiet fil-Livell Primarju u Junior Lyceum (30 ta' Mejju 2002)*

Permezz tas-Sotto Kumitat Attivitajiet u Ħidma Soċjali s-Sindku kellu laqgħat mas-Sinjura Charmaine Caruana u Marthese Camilleri li offrew is-servizz tagħhom b'xejn għal-lezzjonijiet fil-livell primarju tas-suġġett fl-Ingliż, Malti u Matematika kif ukoll fil-livell ta' Junior Lyceum fl-Ingliż u l-Franċlż.

Dawn il-korsijiet ser isiru fit-tlett xhur tas-Sajf bejn Lulju u Settembru 2002 fis-Sala tal-Kunsill Lokali fi Triq San Ġużepp.

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, l-Kunsill approva dawn il-korsijiet kif ukoll li jintalab ħlas minimali ta' lm5.00 għall-kors kollu tal-Junior Lyceum u Lm 3.00 għall-kors kollu fil-livell primarju.

Il-Kunsill qabel ukoll li dan d-dħul jintuża għall-ispejjeż involuti u biex jinxtraw il-kotba meħtieġa għal dawn il-korsijiet. Il-Kunsill lest li jissussidja spejjeż oħra li jsiru permezz ta' dawn il-korsijiet.

*5(2).6 Senglea Athletics F. C. ( 30 ta' Mejju, 2002)*

Fil-laqgħa mar-rappreżentanti ta' dn il-Klabb li saret fis-Sala tal-Kunsill ġew diskussi dawn il-punti; korrispondenza mibgħut lil dan il-Klabb mill-Kunsill, kif il-kunsill jistgħa jgħin lil din l-Għaqda speċjalment lil Youth Nursery kif ukoll it-twaqqif ta' grawnd tal-futbol preferibilment fl-Isla. (App. 1 mehmuż).

*5(2).7 Sebbaħ Pajjiżek (31 ta' Mejju 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-varament tal-proġett Sebbaħ Pajjiżek li saret fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Is-Sindku ħeġġeġ biex il-Kunsill jieħu sehem fis-sezzjoni tal-ġonna.

*5(2).8 Skema Gallarijiet ( 04 ta' Ġunju 2002)*

Is-Sindku attenda għal-launching ta' l-iskema ta' sussidju għat-tiswija ta' gallarijiet ta' l-injam u li saret fil-Malta Environment & Planning Authority.

L-Għaqda Wirt Artna ser tisponsorja gallarija filwaqt li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt u tal-Kottonera ser tisponsorja studju dwar il-kuluri ta' dawn il-gallarijiet.

*5(2).9 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (4 ta' Ġunju 2002)*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'din il-laqgħa ġew diskussi l-proġetti li ser isiru minn dan il-Kumitat fil-lokalitajiet tal-Kottonera.

Il-proġetti ndikati għal-lokal ta' l-Isla huma :

- Il-parking ta' madwar il-Gardjola
- Restawr tan-Niċċa ta' Sant'Anna u s-Sur ta' ma' ġenbha (mifruxa fuq tlett fażijiet)
- Pjazza Francesco Zahra pavimentar taż-żonqor/taraġ.

Kif ukoll xogħlijiet oħra li diġa nbdew. (Appendiċi 2 mehmuż).

*5.(2).10 Dar 8/9, Triq Sant'Anġlu, Isla*

Il-Kunsill informa lis-Sinjura Virginia Cini b'dak li kien ġie deċlż fil-laqgħa ta' qabel lil min ressaq l-ilment dwar il-post imsemmi. Saru kuntatti wkoll ma' Kumpanija ta' Estate Agents u li qed jirreklamaw il-bejgħ tagħhom biex isir magħruf min huma l-propjetarji ta' dan il-post. (Kopja ta' l-ittra mehmuża, appendiċi 3)

*5.(2).11 Ċelebrazzjonijiet Senglea Athletics F.C. ( 9 ta' Ġunju, 2002)*

Is-Sindku attenda għaċ-ċelebrazzjoni tal-promozzjoni tas-Senglea Athletics F.C. għall-1$^{st}$ Division tal-kampjonat tal-futbol (Kopja tal-Messaġġ tas-Sindku mehmuż, appendiċi4).

*5.(2).12 Laqgħat*

Is-Sindku wera l-ħsieb li jibda jagħmel laqgħa regolari mad-Deputati tad-Distrett kif ukoll ma' l-għaqdiet tal-lokal.

Is-Sindku ssuġerixxa li l-ewwel laqgħa ssir mal-Viċi Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi li għalkemm diġa ġie nfurmat bil-fomm dwar it-talbiet sportivi jkun aħjar li niddiskutu miegħu l-bżonnijiet tal-lokal.

*5.(2).13 Map3 TV Productions (Smash TV - 07 ta' Ġunju 2002)*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem fi programm ta' siegħa bit-tema *"Idejn il-Kunsill"* li sejjer ikun iddedikat kollu fuq il-ħidma tal-Kunsill (Appendiċi 5 mehmuż).

Il-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada ippropona li l-Kunsill jieħu sehem f'dan il-programm. Il-Ħlas dovut huwa ta' Lm 99.00 VAT inkluża.

Il-Kunsill qabel nem. con. ma' din il-mozzjoni.

*5.(2).14 Attivitajiet Soċjali u Kulturali*

Il-Kunsillier Mario Mizzi bħala *Chairperson* ta' dan is-Sotto Kumitat ressaq il-programm ta' attivitajiet soċjali u kulturali għax-xhur ta' Lulju u Awissu 2002 (appendiċi 6 mehmuż).

Il-Kunsill approva dan il-programm ta' attivitajiet.

*5.(2).15 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-20 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0925/02/I Street Lighting Devolution (21/05/02)*

Il-Kunsill irċieva l-minuti tal-laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali Birgu (17/05/02) dwar dan is-suġġett.

*04/0926/02/I Isem ta' triq (19/05/02)*

Is-Sotto Kumitat Ismijiet tat-Toroq ser jieħu ħsieb it-talba mill-Onor. Evarist Bartolo biex triq ewlenija fl-Isla tissema għal John F. Marks li kellu sehem ewlieni fil-ħajja kulturali, trejdunjonistika u politika tal-pajjiż bejn is-snin 20's u 30's.

*04/0928/02/I BBQ fuq il-bejt tal-Maċina (20/05/02, 05/06/02)*

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa t-talba ta' l-Għaqda Festi Esterni Parrokjali biex jorganiżża BBQ's fuq il-bejt tal-Maċina għal żewġ raġunijiet; waħda għaliex dan il-bejt huwa propjeta tal-consortium Port Cottonera Ltd u l-oħra minħabba l-periklu li jinsab fih dan il-bejt.

Għaldaqstant ġie suġġerit lilhom biex jitolbu permess lil dan il-consortium. Il-Kunsill Lokali alternattivament offra lill-Għaqda Festi Esterni Parrokjali li jekk iridu jorganiżżaw dawn il-BBQ's fi Ġnien il-Gardjola.

*04/0933/02/I* *Il-ġrajja ta' l-Isla matul it-Tieni Gwerra Dinjija (22/05/02)*

Il-Kunsill qed jikkunsidra t-talba ta' Senglean Anzjan biex il-Kunsill jippubblika xogħol ta' riċerka ta' tant snin dwar il-ġraja ta' l-Isla matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Kunsill bi ħsiebu jitlob kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' dan ix-xogħol.

*04/1060/02/I* *Money Insurance Policy*

Il-Kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop qabel li jestendi l-assikurazzjoni skond ċirkulari AKL21/2002 għall-ammont ta' Lm 19.00.

*04/1062/02/I* *Med Urbs ( 04 / 06 / 02)*

Il-Kunsill Lokali Birgu re'a fakkar lill-Kunsill Lokali Bormla dwar il-flus li dan il-Kunsill għandhu jagħti lura lill-Kunsilli Lokali tal-Birgu u ta' l-Isla b'riżultat ta' dan il-proġett.

*04/1064/02/I* *Senglea Athletics F. C. Youth Nursery (4/06/02)*

Il-Kunsill laqa t-talba tas-Senglea Athletics F. C. Youth Nursery biex ikunu jistgħu jużaw il-ground tal-Ponta għal Summer League li ser itellgħu minn nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2002.

Il-Kunsill ser iġib jarda ramel f'dan il-ground u fakkar lis-Senglea Athletics F. C. Youth Nursery biex jieħdu ħsieb iġibu n-net mill-ground ta' Kordin.

*04/0620/02/I* *Skema tas-Saħħa, Kunsillieri*

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill qabel li l-iskema tas-Saħħa mnedija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tiġi estiża għall-Kunsillieri wkoll.

## 5(3) Proġett - Yacht Marina

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Environment Impact Statement (EIS) li ntbagħat lill-Kunsill dwar dan il-proġett ġie moqri u diskuss mis-Sotto Kumitat tal-Proġetti u Infrastruttura.

5.(3).1 L-opinjonijiet tagħhom jidhru fil-minuti 4.0 paragrafi 3 u 4 tas-Sotto Kumitat mehmuża ma' dawn il-minuti. Kopja ta' dawn il-minuti tas-Sotto Kumitat għandhom jitqassmu lill-Kunsillieri.

5.(3).2 Il-Kunsill qabel li jibgħat il-kummenti u l-oġġezzjonijiet tas-Sotto Kumitatlil Malta Environment & Planning Authority.

5.(3).3 Saret ukoll laqgħa bejn ir-rappreżentanti ta' l-għaqda sajjieda dilettanti u barklori u l-Cottonera Waterfront Group plc dwar l-irmiġġ fuq in-naħa ta' l-Isla, nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2002 fis-1.45pm.

Il-Kunsill ġie nfurmat mir-rappreżentatni ta' l-għaqda li n-naħa ta' l-Isla ser tibqa' kif inhi u l-irmiġġ jibqu kif huma llum.

5.(3).4 Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra lill-Cottonera Waterfront Group plc biex jiġi mfisser uffiċjalment il-pożizzjoni tagħhom dwar l-irmiġġ u l-proġett fuq in-naħa ta' l-Isla.

## 5 (4) Xiri ta' Equipment

Il-Kunsill qabel li jinxtraw għodod u apparat ieħor li jinħtieġ fil-Kunsill u biex jitwettaq xogħol mill-Kunsill (Appendiċi 7 mehmuż).

## 5 (5) Rapport Finanzajrju

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-Rapport Finanzjarju għas-sena li għaddiet fil-31 ta' Marzu 2002, kif anness ma' dawn il-Minuti. Din is-sena finazjarja għalqet b'bilanċ ta' Lm 1, 844.00.

5.(5).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva dan ir-rapport.

5.(5).2 Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex wara jintbagħat lill-Awditur imqabbad mill-Gvern Ċentrali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 5 (6) Riżoluzzjonijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ riżoluzzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*5.(6).1 Mozzjoni 5/2002 (Annessa mal-Minuti)*

Is-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, ippropona li l-Kunsill japprova biex jivvota 1% ta' l-Allokazzjoni Annwali biex jikkreja vot annwali ħalli jtella attivitajiet ma' l-għaqdiet lokali u li dawn l-attivitajiet ikunu magħżula mill-Kunsill.

Din il-mozzjoni ġiet approvata nem con.

*5.(6).2 Mozzjoni 6/ 2002 (Annessa mal-Minuti)*

Is-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona biex il-Kunsill japprova l-ammont ta' Lm 300 bħala vot annwali għall-ispejjeż li jkunu għamlu l-Kunsillieri fil-qadi ta' dmirijiethom.

Din il-mozzjoni ġiet approvata nem con.

*5.(6).3 Attivita' ma' Senglea Athletics F.C.*

Il-Kunsillier Mario Mizzi issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona biex il-Kunsill jivvota 35% tal-vot għall-attivitajiet biex itella attivita' ta' ringrazzjament lis-Senglea Athletics F. C. għall-promozzjoni tagħhom fil-1st Division. Din tammonta għal madwar Lm 300.00.

Il-Kunsill approva din l-attivita' nem con.

*5.(6).4 U/18 Regatta Challenge*

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, l-Kunsill approva għotja ta' Lm 50.00 għat-tournament li l-Għaqda Regatta Nazzjonali ser torganiżża fil-Ħdud tat-23 ta' Ġunju, 30 ta' Ġunju u s-7 ta' Lulju 2002.

*5.(6).5 American Pool Competition*

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, l-Kunsill approva l-għotja ta' Lm 30.00 bħala għajnuna lil żewġ żgħażagħ Sengleani li ser jieħdu sehem f'kompetizzjoni ta' l-American Pool.

Din il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.10pm b'dan l-item fuq l-agenda.

________________________________________________________________________________

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |